// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 306

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

25 ta' Ottubru 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1132/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1133/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 ........ 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1132/2014

### tal-24 ta' Ottubru 2014

### li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 56,4 |
| | MA | 115,9 |
| | MK | 57,9 |
| | XS | 78,2 |
| | ZZ | 77,1 |
| 0707 00 05 | AL | 62,5 |
| | MK | 50,7 |
| | TR | 129,4 |
| | ZZ | 80,9 |
| 0709 93 10 | MA | 107,9 |
| | TR | 135,9 |
| | ZZ | 121,9 |
| 0805 50 10 | AR | 78,7 |
| | TR | 102,7 |
| | UY | 86,1 |
| | ZA | 84,3 |
| | ZZ | 88,0 |
| 0806 10 10 | BR | 251,8 |
| | MD | 39,0 |
| | PE | 322,9 |
| | TR | 146,0 |
| | ZZ | 189,9 |
| 0808 10 80 | BR | 52,8 |
| | CL | 86,2 |
| | CN | 117,7 |
| | MD | 27,7 |
| | NZ | 139,4 |
| | US | 191,0 |
| | ZA | 154,7 |
| | ZZ | 109,9 |
| 0808 30 90 | CN | 86,7 |
| | TR | 116,3 |
| | ZZ | 101,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1133/2014**

**tal-24 ta' Ottubru 2014**

**dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tal-Kummissjoni ([2]) fetaħ u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur, imqassma skont il-pajjiż tal-oriġini u f'diversi subperjodi skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Ottubru huwa l-uniku subperjodu għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 ipprovdut skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011. Din il-kwota tikkonsisti fil-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati mill-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127 — 09.4128 — 09.4129 — 09.4130 fis-subperjodu preċedenti. Ix-xahar ta' Ottubru huwa l-aħħar subperjodu għall-kwoti pprovduti fl-Artikolu 1(1)(b) u (e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, li jinkludu l-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati fis-subperjodu preċedenti.

(3) In-notifiki li ntbagħtu skont il-punt (a) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 juru li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Ottubru 2014 skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ikopru kwantità akbar minn dik disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġu stabbiliti l-koeffiċjenti tal-allokazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulati b'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(4) In-notifiki juru wkoll li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4148, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Ottubru 2014, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija anqas dik disponibbli.

(5) Jeħtieġ ukoll li jkun magħruf il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovduta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2014.

(6) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għall-applikazzjonijiet tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li jaqgħu taħt il-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, imressqa matul l-ewwel 10 ijiem ta' ħidma ta' Ottubru 2014, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità mitluba, immultiplikata bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

2. Il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovduta fir-Regolament (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2014 jingħata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

**Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 u l-perċentwal finali tal-użu għas-sena 2014**

a) Kwota ta' ross mitħun għalkollox jew mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1 ( 1)( a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|---|
| L-Istati Uniti | 09.4127 | | 69,77 % |
| It-Tajlandja | 09.4128 | | 98,43 % |
| L-Awstralja | 09.4129 | | 99,20 % |
| Oriġini oħra | 09.4130 | | 100 % |
| Il-pajjiżi kollha | 09.4138 | 3,202777 % | 100 % |

b) Kwota ta' ross bil-ħliefa kopert bil-kodiċi NM 1006 20 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|---|
| Il-pajjiżi kollha | 09.4148 | — [1] | 0 % |

[1] L-ebda koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni għal liċenzja ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

c) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

| Oriġini | Numru tas-serje | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|
| It-Tajlandja | 09.4149 | 0 % |
| L-Awstralja | 09.4150 | 1,78 % |
| Il-Gujana | 09.4152 | 0 % |
| L-Istati Uniti | 09.4153 | 6,79 % |
| Oriġini oħra | 09.4154 | 62,50 % |

d) Kwota ta' ross mitħun għalkollox jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

| Oriġini | Numru tas-serje | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|
| It-Tajlandja | 09.4112 | 100 % |
| L-Istati Uniti | 09.4116 | 100 % |

| Oriġini | Numru tas-serje | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|
| L-Indja | 09.4117 | 100 % |
| Il-Pakistan | 09.4118 | 100 % |
| Oriġini oħra | 09.4119 | 100 % |
| Il-pajjiżi kollha | 09.4166 | 100 % |

e) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2014 | Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2014 |
|---|---|---|---|
| Il-pajjiżi kollha | 09.4168 | — (1) | 100 % |

(1) L-ebda kwantità disponibbli għal dan is-subperjodu.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT